C/2025/6376

25.11.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12209 – ANTIN / SUBSIDIARIES OF LUSAT AIR)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/6376)

1. Fit-13 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Antin Infrastructure Partners S.A.S. ("Antin", Franza),

— Swiftair, S.A. (Spanja), Aircraft Leasing Spain, S.L. (Spanja), Corporación Ygnus Air, S.A. (Spanja), Lusat Air Leasing Ireland Ltd. (l-Irlanda), Swedish ATP Management AB (l-Iżvezja) u West Atlantic AB (l-Iżvezja) (flimkien "Target Group"), ikkontrollati minn Lusat Air, S.L.(Spanja).

Antin se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Target Group kollu kemm hu.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Antin hija ditta indipendenti ta' ekwità privata ffukata fuq l-investimenti fl-infrastruttura,

— Target Group jippossjedi u jopera linji tal-ajru charter tal-merkanzija u tal-passiġġieri. Huwa attiv fil-forniment ta' kiri kummerċjali ta' inġenji tal-ajru għat-trasport tal-merkanzija bl-ajru, u t-trasport tal-passiġġieri fuq titjiriet skedati u charter. Target Group jipprovdi wkoll offerti relatati inklużi l-ekwipaġġ tal-inġenji tal-ajru, l-assigurazzjoni u s-servizzi ta' manutenzjoni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12209 — ANTIN / SUBSIDIARIES OF LUSAT AIR

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË